MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru. 118/2009

**Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Leandro Ambrogio**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Leandro Ambrogio ta’ 45 sena, iben Giuseppe u Giuseppina nee’ Pelliconi, imwieled Reggio Di Calabria gewwa l-Italja nhar il-5 ta’ Marzu 1963, residenti Flat 10 Mayfair Court, Triq Sant’ Antnin, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita’ Taljana bin-numru AR 1253936 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar l-10 ta’ Frar, 2009 bejn il-11:00 ta’ fil-ghodu u il-17:10 ta’ wara nofs in-nhar, gewwa Triq is-Sliem,

Marsaskala volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f'vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBB264 ta' ghamla Mazda 626, liema hsarat huma ta' aktar minn 1164.69 Euros (hames mitt lira Maltija) ghad-dannu ta' Victor Falzon detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 540961(M)

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputat Leandro Ambrogio bhala ricediv billi kiser il-provedimenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D datata 3 ta' Dicembru 2008, fejn gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt snin, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Frar, 2009 (esebit *a folio* 21 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta' Frar 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat hekk kif registrata waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li ghalkemm l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri tal-proceduri huwa sussegwentement harab minn dawn il-Gzejjer fil-mori ta' dawn il-proceduri u l-Qorti kienet kostretta tordna l-hrug tal-European Arrest Warrant sabiex ikunu jistghu jitkomplew il-proceduri odjerni. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv u ghalhekk dehrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1) (a), 18, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija b'effett millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni personali taht penali ta' tmien mitt ewro (€800) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Victor Falzon.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------